MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2011

Citazzjoni Numru. 212/2010

Kawza fil-lista: 44

***W R D***
**vs**
***V T R***

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li l-partijiet izzewwgu fin-Nigeria fis-17 ta' Settembru 2009, u sussegwentement iz-zwieg gie registrat f' Malta; li minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal; li l-attrici giet lura Malta, u lestiet it-triq ghall-konvenut sabiex ikun jista' jidhol u jghix hawn Malta legalment, u fil-fatt hu wasal Malta f' Marzu 2010; li l-konvenut mill-ewwel wera lill-attrici li hu kien ha dak li ried minghandha, u ma'

kellux l-intenzjoni li jghix il-hajja konjugali maghha, u kien vjolenti fil-konfront taghha;  li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu [d],dak tal-konvenut kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu [f] u dak ta’ l-attrici fit-termini tal-paragrafu [h] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta;  ghalhekk l-attrici qeda titlob li din il-Qorti tiddikjara null fil-ligi dan iz-zwieg;

Rat li l-konvenut debitament ingunt baqa’ kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**

Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attrici qed titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fl-imsemmija data, huwa null fil-ligi skont id-dispozizzjonijiet tal-ligi fuq citati.

**Il-Fatti**

Illi mill-provi mhux kontraddetti jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fin-Nigeria fis-17 ta’ Settembru 2009, meta allura huma kellhom 33 sena, u hmistax-il jum wara li l-attrici kienet telqet in-Nigeria sabiex tiltaqa’ l-ewwel darba mal-konvenut, stante li sa dak iz-zmien hi kienet tafu biss tramite l-internet u t-telefon.

Jirrizulta li l-attrici ghamlet kuntatt mal-konvenut bis-sahha ta’ huh li kien qieghed jirrisjedi Malta.  Dana kien heggigha sabiex izzomm il-hbiberija mal-konvenut tramite il-mezzi tat-telefon u ta’ l-internet.

Wara ftit taz-zmien, l-attrici telghet il-Nigeria sabiex tiltaqa’ mal-konvenut l-ewwel darba, u tara s-sitwazzjoni, izda meta waslet hemm sabet li l-konvenut kien diga’ pprepara kollox sabiex jizzewwgu. Huwa kien beda jinsisti maghha li jizzewwgu peress li kien prepara kollox, u peress li kien nefaq hafna flus.  Sadanittant l-attrici mardet bil-malarja, u

ta’ sikwit kien ikollha d-deni, izda l-konvenut xorta wahda kien insista maghha li z-zwieg isir.

Fil-fatt iz-zwieg sar fid-data fuq indikata, avolja l-attrici kellha d-deni. L-attrici nizlet Malta sabiex tipprepara d-dokumenti necessarji biex il-konvenut, allura zewgha, jkun jista’ jigi Malta.

Meta l-konvenut gie Malta f’ Marzu 2010, il-komportament tieghu tbiddel kompletament, u, filwaqt li qabel iz-zwieg kien kollu kliem helu, huwa beda jkun prepotenti u dominanti fuq l-attrici partikolarment fejn jikkoncerna flusha. Eventwalment l-attrici spiccat vittma ta’ vjolenza domestika, morali u anke fizika, stante li l-konvenut kien jerfa’ idejh fuqha meta hi ma’ kienitx taghmel dak li ried hu. Sahansitra l-impozizzjoni tieghu kienet timmanifesta ruhha wkoll fir-relazzjonijiet intimi.

Wara ftit xhur il-konvivenza matrimonjali ntemmet, u l-partijiet isseparaw.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi mill-provi jirrizulta manifest li l-konvenut qatt ma kellu l-intenzjoni li jghix il-hajja konjugali mal-attrici, u l-uniku skop li ghalih izzewweg lill-attrici kien sabiex jottjeni l-permess tar-residenza f’ Malta, u xejn aktar. Ghalhekk esternament huwa ghadda minn cerimonja ta’ zwieg, izda nternament u b’att pozittiv tal-volonta’ tieghu huwa eskluda obbligi essenzjali ghall-hajja konjugali, u senjatament dak tal-konvivenza diretta lejn il-benessere reciproka, il-prokreazzjoni u t-trobbija tat-tfal.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt, u fid-dritt fit-termini tal-paragrafu [f] ta’ l-artikolu precitat, u timmerita li tigi milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fis-17 ta’ Settembru 2009.

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------